**7 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Dr George DeGaetano *et noe*

*versus*

Michael Zammit Tabone *et noe*

**Responsabbiltà ta' Aġent ta' l-Ivvjaġġar għal servizzi ikkontratti minn *Tour Operator* – Akkomodazzjoni f'lukanda – Aġent ta' l-Ivvjaġġar – Lukandier – *Tour Operator***

*Kawża fejn l-atturi ppretendew jirkupraw mingħand is-soċjetà konvenuta Aġent ta' l-Ivvjaġġar kreditu ta' akkomodazzjoni f'Lukanda u servizzi oħra resi lill-klijenti.*

*Il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni illi fil-fatt illi s-servizz li ngħata mis-soċjetà attriċi kien lit-Tour Operator esteru u għalhekk ma kinitx responsabbli għalih is-soċjetà konvenuta.*

*L-Atturi ppretendew ukoll illi s-soċjetà konvenuta irċeviet il-flus u naqset illi tgħaddihom lis-soċjetà attriċi. Il-Qorti rriteniet li l-azzjoni ta' l-atturi kif impustata ma setgħetx tirnexxi għaliex f'dik l-ipotesi kienet messha ġiet intavolata b'kawżali u talbiet li jirriflettu dik l-Ipotesi.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi *nomine* talbu li prevja d-dispensa tas-smigħ tal-kawża in vista tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur (Dok. A) u *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – il-konvenuti *nomine* jkunu kkundannati minn din il-Qorti jħallsu lill-atturi *nomine* s-somma ta' tmien mija u għaxar liri maltin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm810.23) għas-servizzi reżi lill-konvenuti mill-imsemmija lukanda billi pprovditilhom *accomodation* għall-klijenti tagħhom kif spjegat fid-dikjarazzjoni annessa. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tat-23 ta' Awissu, 1983, u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Ottubru 1983, kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u l-affidavit ta' l-atturi;

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 1983 il-konvenuti ngħataw permess li jikkontestaw il-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċipew illi d-debitu allegat ma huwiex tagħhom imma ta' *Tour Operator* esteru illi ma humiex responsabbli għad-debiti tiegħu, u dan l-atturi jafuh u aċċettawh meta saru l-"*Bookings*". Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

*Omissis;*

Irriżulta li s-soċjetà attriċi alloġġat fil-lukanda tagħha numru ta' turisti u tagħthom servizzi oħra matul is-sena 1981. Dan sar għal tliet *Tour Companies,* ċjoè "*Kundig*", "*Holiday Maker*" u "*Concorde*". Il-kont dettaljat (esebit bħala Dok. A A a fol. 28 *et sequitur* tal-proċess) juri li kienet dovuta s-somma ta' Lm36, 703 – 50 li minnha baqa' ma tħallasx bilanċ ta' Lm820.98. Minn dan l-ammont is-soċjetà attriċi naqqset is-somma ta' Lm11 (għar-raġuni spjegata mix-xhud ta' l-attur, Carmel Scicluna – ara fol. 49 u x-xiehda tiegħu in kontroeżami tat-2 ta' Diċembru 1986) – b'mod li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi l-ħlas tal-bilanċ ta' Lm809.98;

Illi s-soċjetà konvenuta qiegħda ssostni li ma hijiex responsabbli li tħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi. Il-konvenut Julian Zammit Tabone, fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet stqarr hekk:

Il-konvenuti *nomine* rriservaw akkomodazzjoni fil-lukanda

attriċi għall-klijenti ta' *Tourist Operator* esteru li fir-*"Reservation Form"* tagħhom – li xempju tagħhom esibit (Dok. A) – huwa ddikjarat illi *"All amounts due for the above services are the responsibility of the Tour Operator. Fortel Services will in no way, whether directly or indirectly, be responsible for payment"*. Din id-dikjarazzjoni hi sottoskritta mir-rappreżentant tal-konvenuti kif ukoll minn dak ta' l-atturi;

Illi għalhekk, il-pern tal-kwistjoni involuta fil-kawża huwa jekk l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi hux dovut mis-soċjetà konvenuta jew mit-*Tour Operators* fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

Il-konvenuti, apparti l-prova msemmija ma ħabblux rashom wisq biex iressqu l-provi l-oħra tagħhom nonostante li l-Qorti tathom ampja opportunità biex jagħmlu dan. Però xorta waħda a bażi tal-provi akkwiżiti fil-proċess, din il-Qorti jidhrilha li s-servizz li tat is-soċjetà attriċi tatu mhux lis-soċjetà konvenuta, iżda lill-imsemmija *Tour Operators* barranin. Dana jidher ċar kemm mill-imsemmi Dok. AA li għalkemm intestat *"Fortel Services – 1981"* però jindika partitament l-*invoices* li huma dovuti minn xi waħda mit-*Tour Operators* imsemmija. L-istess konklużjoni tintlaħaq jekk wieħed jeżamina d-dokumenti BB, CC u DD esebiti mis-soċjetà attriċi, liema dokumenti huma kopji tal-kuntratti rispettivi li s-soċjetà attriċi ffirmat ma' *"Kundig"* ta' l-Isvizzera, *"Concorde"* ta' l-Olanda u *"Holiday Maker"* ta' l-Isvizzera;

*Omissis;*

Isegwi minn dawn il-provi li ssemmew sa issa li s-soċjetà konvenuta *"proprio"* ma kinitx responsabbli għall-ħlas tas-servizzi mogħtija mis-soċjetà attriċi, iżda se mai kienet responsabbli fil-konfront tas-soċjetà attriċi biss *"nomine"* u ċjoè għan-nom u r-rappreżentanza ta' l-imsemmija tlett soċjetajiet esteri. Però, irid jiġi sottolinejat, li s-soċjetà konvenuta ma ġietx ċitata b'din l-aħħar imsemmija vesti, iżda ġiet ċitata bħallikieku d-dejn imsemmi fiċ-ċitazzjoni kien oriġinarjament dejn tas-soċjetà konvenuta *"proprio"* meta bħala fatt irriżulta l-kuntrarju;

Ikkunsidrat:

Illi jekk l-atturi jippretendu li s-soċjetà konvenuta irċeviet il-flus mill-imsemmija soċjetajiet esteri **u ma għaddithomx lis-soċjetà attriċi** (ara ittra ta' l-attur Dr DeGaetano esebita bħala Dok. NN a fol. 45 tal-proċess, fejn *inter alia* jintqal lill-konvenuti: *"You have no right to withhold these payments"* ċjoè Lm609.63 u Lm210.60) allura xorta waħda fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni attriċi **kif impustata** ma tistax tirnexxi, għaliex f'din l-ipotesi kien missha ġiet intavolata b'kawżali u talba li tirrifletti l-fatti ta' din l-ipotesi;

Għal dawn il-motivi:

Prevja li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine*, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju – bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*.